# Is-Surmastrijiet Nani

Ma jistax jonqos illi meta nsemmu l-festa ta' San Pawl ma niftakrux ukoll fil-kunjom **Nani**. Dan għaliex il-familja Nani kienet marbuta għal bosta snin mal-festa tar-raħal tagħna. Xieraq illi f'dan l-artiklu niftakru daqsxejn f'dawk it-tliet persunaġġi li taw il-kontribut tagħhom sabiex il-festa tal-parroċċa ta' Ħal Safi tkun iċċelebrata bl-aħjar mod possibbli.

Is-Surmast **Paolo Nani** twieled il-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru, 1814. Mexa fuq il-passi ta' missieru, l-avukat Giuseppe, u ħa l-lawrija ta' duttur tal-liġi ċivili fl-1832. Jingħad li ħa l-ewwel tagħlim mużikali mingħand Dun Ġużeppi Burlon. F'Lulju 1833 hu mar Napli fejn studja taħt Zingarelli. Is-sena ta' wara żżewweġ lil Maddalena Cuschieri. Paolo reġa' lura Malta għal kollox għal ħabta ta' l-1839. Malajr għamel isem bħala kompożitur ta' mużika sagra u klassika.



**Paolo Nani**

Ingħata diversi karigi, fosthom ta' Surmast tal-Kant fl-iskejjel elementari, direttur u kunċertur ta' l-Orkestra tat-Teatru Rjal u ***Maestro di Cappella*** tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu u ta' knejjes parrokkjali oħrajn. Kien imur tajjeb ma' kulħadd għax kif jgħidu kien bniedem ferrieħi u ċajtier.

Ġieħ mistħoqq għall-kontribut tiegħu fil-qasam mużikali wasal fl-1878 meta r-*Reale Associazione dei Benemerenti Italiani* ta' Palermo tagħtu diploma u midalja tad-deheb. Is-sena ta' wara l-*Accademia Filarmonica di Bologna* ħatritu membru onorarju. Jingħad li kien Dottor Paolo illi ħa l-inizjattiva biex titwaqqaf il-Banda Filarmonika La Vallette.

F'Ħal Safi, fl-1848, Paolo Nani kien ġa qiegħed jagħti servizzi fil-festa ta' San Pawl. Dak iż-żmien kien jitħallas 25 skud ta' żewġ servizzi. Il-prezz tela' għal 36 skud fl-1858 u għal 40 skud fl-1878. Il-ħlas ftit li xejn inbidel ħlief meta kienu jsiru tliet servizzi li għalihom kienu jintalbu 64 skud. Ismu baqa' jidher sal-festa ta' l-1901.

Fost il-mitejn kompożizzjoni li kiteb insibu l-opra *Mezza Notte* u għadd ta' quddies, innijiet, salmi, sinfoniji u antifoni. L-iktar antifona popolari mal-ĦalSafin hi bla dubju s-*Sancte Paulae;* kull darba li tindaqq din jirnexxilha tqanqal entużjażmu kbir fost dawk li jisimgħuha.

Is-Surmast Paolo Nani miet fit-22 ta' Marzu, 1904 meta kellu 90 sena.

# Is-Surmastrijiet Nani

**Anton Nani** twieled il-Belt fis-6 ta' Ottubru, 1842. Kien missieru li beda jrawmu fil-mużika. Imbagħad hu kompla jistudja taħt Patri Ġużepp Spiteri Fremond u Barbuti Agnello. Mar Napli fl-1867 fejn iktar issoda f'idejn Nicola De Giosa. Meta fl-1877 ġie lura Malta, Anton ma naqasx li jkomplli jagħmel użu tajjeb mit-talent li kellu. Ma damx biex stabbilixxa ruħu bħala kompożitur ta' mużika sagra, operistika u klassika. Anton kiteb tliet opri. Dawn kienu: *Zorilla,* opra komika fi tliet atti fuq librett ta' Almerindo Spadetta; *I Cavalieri di Malta,* dramm liriku bi prologu u tliet atti u *Agnese Visconti,* opra f'erba' atti, bit-tnejn li huma fuq libretti ta' Enrico Golisciani. Anton kiteb fuq mitt biċċa xogħol oħra fosthom sinfoniji, notturni, mażuriti, valzi u kanzunetti. Fejn tidħol mużika sagra kellu quddies, innijiet, antifoni u vespri. L-ikbar xogħol sagru ta' Anton aktarx li hu l-*Missa Defunctis;* din ir-*Requiem,* mibnija fuq 17-il taqsima, ħadet midalja tad-deheb fil-**Wirja Universali** li nżammet fl-1886 ġewwa Londra.

Anton Nani nħatar *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu u f'diversi knejjes u kunventi. Fl-1889 hu ħa taħt idejh l-istabbilment mużikali ta' Ġanni Lebrun. Laħaq President tal-Kamra ta' l-Awturi u Kompożituri Maltin. Huwa serva għal żmien twil bħala direttur ta' l-Orkestra u bħala impreżarju tat-Teatru Rjal. Idderieġa numru ta' kunċerti kemm fit-Teatru Rjal kif ukoll fit-Teatru Manoel.

Anton dam ma żżewweġ; fil-fatt kellu 61 sena meta ħa b'martu lil Carmela Mifsud. Kellhom żewġt itfal, b'wieħed minnhom, Paolino, ikun dak li kompla t-tradizzjoni mużikali tal-familja.

Anton Nani beda jidderieġi l-orkestra ġewwa Ħal Safi minflok missieru li kien daħal sew fiż-żmien. Baqa' jitħallas l-istess prezzijiet ta' qabel, jiġifieri £3.6s 8d għal żewġ servizzi. Fl-1915 huwa ċeda postu lil Alfonso Kissaun, iżda bil-kemm għaddew sitt snin li ma reġax irritorna. Issa l-ħlas għall-orkestra kien tela' għal madwar ħames liri. Mid-dehra l-aħħar darba li Anton ġie Ħal Safi kien fl-1927. Huwa miet sentejn wara, fil-25 ta' Frar, 1929 fl-età ta' 86 sena.



Anton Nani

# Is-Surmastrijiet Nani

**Paolino Nani**, bin Anton, twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' Diċembru, 1906. Baqa' magħruf bħala direttur u kompożitur ta' mużika sagra u profana. Iżżewweġ lil Lucy Degiorgio.

Meta kellu ħames snin beda l-istudji tiegħu fil-pjanu u t-teorija tal-mużika taħt missieru u Carlo Fiamingo. Ta' 13-il sena missieru kien ġa beda jħallih imexxi l-orkestra.

Paolino tgħallem ukoll il-kant taħt it-Taljan Gaetano Roveri. Kif għalaq 21 sena telaq lejn Ruma fejn kompla jistudja l-kompożizzjoni u l-fuga taħt Vincenzo di Donato u l-orkestrazzjoni u l-kompożizzjoni taħt Ermanno Wolf Ferrari.



**Paolino Nani,**

Wara tmien snin reġa' lura Malta fejn waqqaf skola tal-mużika. Kien *Maestro di Cappella* tal-Bażilika Karmelitana tal-Belt u tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu kif ukoll ta' bosta knejjes parrokkjali oħra.

Fl-1930 inħatar Surmast tal-Kant fit-Teatru Rjal. Waqqaf is-*Symphony Orchestra* u fl-1939 inħatar *lecturer* tal-mużika mill-*British Council.*

Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu: *Tristezza,* li rebħet il-konkors imniedi bħala tifkira ta' Ofelia D'Alba; *Ecce Sacerdos Magnus; Malta War Symphony.*

Paolino Nani dderieġa diversi orkestri mhux biss f'Malta iżda anki fl-Italja u fl-Ingilterra. Fl-1951 hu qala' tifħir mingħand il-Prinċipessa Eliżabetta (illum reġina) wara li ta kunċert klassiku mill-isbaħ fit-Teatru Manoel.

Huwa kien tal-fehma illi f'Malta kienet meħtieġa Akkademja tal-Mużika li tkun mezz ewlieni ta' kunċerti, tirrikordja l-mużika u tħares ix-xogħlijiet ta' l-awtur permezz tal-*copyright*.

Paolino Nani wasal Ħal Safi meta missieru ċedielu postu ftit snin qabel miet. Sa l-1936 l-orkestra kienet bdiet titħallas £9 u telgħet għal £10 fl-1938. Wara l-gwerra – 1945 – żdiedu s-servizzi u naturalment il-prezz għola u sar £40. Fis-snin ħamsin tela' għal £57 u sa l-1958 laħaq is-£70. Spiża ikbar mis-soltu, £80, kienet dik taċ-ċentinarju ta' l-1960. Fis-snin ta' wara l-ħlas niżel għal £42 billi sar tnaqqis fis-servizzi. L-aħħar sena li fiha deher isem Paolino kien fl-1966 għax imbagħad ħalla postu lil Abele Calleja.

Hu miet meta kellu 80 sena fis-6 ta' Settembru, 1986. Qabel mewtu rregala l-kompożizzjonijiet mużikali kollha tas-Surmastrijiet Nani lill-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina.

**Paul Callus**